# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 846/2007

## tat-18 ta' Lulju 2007

## li jiffissa l-koeffiċjenti li għandhom jintużaw fil-kalkolu tal-prezz tas-suq tal-Komunità għall-karkassi tal-majjal għas-sena tas-suq 2007/08

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KEE) Nru 2759/75 tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tal-majjal ([1]), u partikolarment Artikolu 4(6) tiegħu,

Billi:

(1) Il-prezz tas-suq tal-Komunità għall-karkassi tal-majjal, kif imsemmi fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75, għandu jiġi stabbilit billi jiġu kkalkolati l-prezzijiet reġistrati f'kull Stat Membru b'koeffiċjenti li jirriflettu d-daqs relattiv tal-merħla tal-majjali f'kull Stat Membru.

(2) Dawn il-koeffiċjenti għandhom jiġu ddeterminati fuq in-numru ta' majjali magħduda fil-bidu ta' Diċembru ta' kull sena skond id-Direttiva tal-Kunsill 93/23/KEE ta' l-1 ta' Ġunju 1993 dwar stħarriġ ta' statistika li trid tkun imwettqa dwar il-produzzjoni tal-majjal ([2]).

(3) Fuq il-bażi tar-riżultati taċ-ċensiment ta' Diċembru 2006, il-koeffiċjenti ta' kalkolu ġodda għandhom jiġu stabbiliti għas-sena tas-suq 2007/08 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1201/2006 għandu jiġi mħassar ([3]).

(4) Billi s-sena tas-suq 2007/08 tibda fl-1 ta' Lulju 2007, dan ir-Regolament għandu jiġi applikat minn din id-data.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Laħam tal-Majjal,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-koeffiċjenti mniżżla fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KEE) Nru. 2759/75 għandhom ikunu kif speċifikati fl-Anness mar-Regolament preżenti.

*Artikolu 2*

Ir-Regolament (KE) Nru 1201/2006 qiegħed b'hekk jitħassar.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2007.

Dan ir-Regolament għandu japplika fl-intier tiegħu u huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Lulju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 282, 1.11.1975, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p.2).

([2]) ĠU L 149, 21.6.1993, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

([3]) ĠU L 218, 9.8.2006, p. 10. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1977/2006 (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 87).

*ANNESS*

| Il-koefiċċjenti li għandhom jintużaw fil-kalkolu tal-prezz tas-suq tal-Komunità għall-karkassi tal-majjal għas-sena tas-suq 2007/08 | |
|---|---|
| Artikolu 4(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75 | |
| Il-Belġju | 3,9 % |
| Il-Bulgarija | 0,6 % |
| Ir-Repubblika Ċeka | 1,7 % |
| Id-Danimarka | 8,4 % |
| Il-Ġermanja | 16,5 % |
| L-Estonja | 0,2 % |
| Il-Greċja | 0,6 % |
| Spanja | 16,1 % |
| Franza | 9,3 % |
| L-Irlanda | 1,1 % |
| L-Italja | 5,7 % |
| Ċipru | 0,3 % |
| Il-Latvja | 0,3 % |
| Il-Litwanja | 0,7 % |
| Il-Lussemburgu | 0,1 % |
| L-Ungerija | 2,5 % |
| Malta | 0,1 % |
| L-Olanda | 6,9 % |
| L-Awstrija | 1,9 % |
| Il-Polonja | 11,6 % |
| Il-Portugall | 1,4 % |
| Ir-Rumanija | 4,2 % |
| Is-Slovenja | 0,4 % |
| Is-Slovakkja | 0,7 % |
| Il-Finlandja | 0,9 % |
| L-Iżvezja | 1,0 % |
| Ir-Renju Unit | 2,9 % |